MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2011

Talba Numru. 572/2010

**Cilia Raymond**
**I.D.227557-(M)**

**vs**

**Agius Mario**
**I.D.342454-(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab lill-konvenut il-hlas tas-somma ta' elfejn u disa' mitt Ewro (€2,900.00), raprezentanti self kif ukoll flus mhollija f'idejn l-intimat a bazi ta' relazzjoni fiducjarja li kien hemm bejn ir-rikorrenti u l-intimat, u dan kif ser jirrizulta waqt il-mori tal-kawza.

Illi ghalkemm gie interpellat diversi drabi biex ihallas lir-rikorrenti l-ammont lilu dovut huwa baqa' inadempjenti.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta’ din il-kawza sal-pagament effettiv, kollox kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ elfejn u disa’ mitt Ewro (€2,900.00), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------